MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 1010/2003

**George Falzon.**

**vs.**

**Ministeru ghall-Affarjiet Rurali u l-Ambjent u Direttur Generali tad-Divizjoni tal-Ikel u Attivita` Veterinarja.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tal-attur George Falzon datata 3 ta' Ottubru 2003 a fol. 1 tal-process fejn ippremetta:-

Illi l-attur huwa sid il-"Burgu Farm" gewwa Triq is-Sewwieqa Hamrun, liema farm kien licenzjat regolarment mal-awtoritajiet kompetenti sabiex fost affarijiet ohrajn issir fih it-trobbija ta' tjur.

Illi permezz ta' ittra datata 28 ta' Lulju 2003 l-konvenut Direttur Generali fid-Divizjoni tal-Ikel u Attivita` Veterinarja nforma lill-attur li huwa kien ser jieqaf milli "tohrog aktar permessi ta' xiri ta' flieles" u aktar gie revokat ukoll l-licenzja tal-attur li jrabbi t-tjur.

Illi permezz ta' dan l-eghmil amministrattiv il-konvenuti kisru l-Kostituzzjoni u kif ukoll naqsu li josservaw il-principji tal-gustizzja naturali u htigijiet procedurali mandatorji fit-tqwettiq tal-eghmil amministrattiv in kwistjoni.

Illi l-eghmil amministrattiv li gie mwettaq mill-konvenuti jikkostitwixxi abbuz ta' setgha tal-awtorita` tal-konvenuti billi l-istess ghemil sar ghal ghanijiet mhux xierqa u kien imsejjes fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti.

Illi bhala konsegwenza ta' dan l-agir l-attur sofra danni konsistenti f'telf ta' qliegh u danni ohra kif ser jigi ppruvat tul it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-konvenuti minkejja li nterpellati sabiex jirregolarizzaw l-ghemil taghhom baqghu nadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara null, invalidu u minghajr effett l-ghemil tal-konvenuti u dan meta l-istess irtiraw u rrevokaw lill-konvenut il-permessi biex jixtri l-flieles u l-permess biex irabbi t-tjur bl-avviz datat 28 ta' Lulju 2003 u dan *ai termini* tal-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

2. Tordna illi per konsegwenza, il-konvenuti jergghu jinghataw il-permess biex jixtru l-flieles u biex irabbu t-tjur.

3. Tiddikjara lill-konvenuti, responsabbli ghad-danni kawzati lill-attur minhabba l-agir taghhom illegali fuq premessi, liema danni jigu likwidati f'gudizzju separat.

Bl-ispejjez u b'hekk minn issa l-konvenuti jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni flimkien mal-lista tax-xhieda a fol. 2 u 3 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tas-27 ta' Frar 2004.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u d-Direttur Generali ghas-Servizzi tal-Ikel u Servizzi Veterinarji datata 27 ta' Ottubru 2004 a fol. 17 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament it-terminu ghall-prezentata tal-eccezzjonijiet tal-eccipjenti ghadu ma bediex jiddekorri fil-konfront taghhom *stante* li l-Avukat Generali ma giex notifikat u dan *ai termini* tal-**artikolu 181 (B) (3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili**.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-Ministru ghall-Ambjent Rurali u l-Ambjent mhuwiex legittimu kontradittur *stante* li l-hrug ta' licenzji ghal zamma u qtil ta' tjur taqa' esklussivament taht il-mansjoni tad-Direttur ghas-Servizzi tal-Ikel u Servizzi Veterinarji.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueapost l-eccipjenti ma wettqu l-ebda att li jmur kontra l-principji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' ghemil amministrattiv kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol 18 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fit-2 ta' Dicembru 2005 il-kawza giet differita ghat-12 ta' Jannar 2006 ghall-kontinwazzjoni tal-provi tal-attur.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta datat 12 ta' Jannar 2006 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli biex tiffissa zewg seduti biex tisma' tali xhieda.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli bix-xhieda kollha quddiema prodotta u d-dokumenti pprezentati.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2008 il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri sabiex jiffissa seduta wahda ghall-provi kollha li fadal.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri bix-xhieda quddiemu prodotta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti hekk presjeduta tal-5 ta' Ottubru 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Anglu Farrugia ghall-atturi prezenti u Dr. Joseph Bonello ghall-intimat. Dr. Farrugia talab zmien sabiex jipprezenta nota ta' oservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefeggiet tletin (30) gurnata minn dan id-digriet ghal tali nota bin-notifika lill-kontro-parti li kellhom tletin (30) gurnata ghan-nota responsiva fi zmien lilhom moghti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Jannar 2011.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' George Falzon datata 4 ta' Novembru 2010 a fol 432 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi fl-ewwel lok, jinghad li dwar l-ewwel eccezzjoni jidher mill-atti li l-Avukat Generali ma baqax jinsisti fuq l-istess iktar u iktar meta jirrizulta li l-intimati effettivament ipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom fuq l-istess b'dan allura li dan il-punt jidher li gie sorvolat u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi minn hawn il-Qorti ser tghaddi sabiex titratta l-eccezzjoni tal-Ministru intimat li jghid li l-istess Ministru ghall-Ambjent Rurali u l-Ambjent mhuwiex il-legittimu kontradittur *stante* li l-hrug ta' licenzji ghal zamma u qtil ta' tjur taqa' esklussivament taht il-mansjoni tad-Direttur ghas-Servizzi tal-Ikel u Servizzi Veterinarji.

Illi f'dan il-kuntest u qabel xejn din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Joseph Bartolo vs l-Onorevoli Prim Ministru et"** (Q.K. - 27 ta' Frar, 2009), fejn l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali qalet li, *"ir-rapprezentanza tal-Gvern waqt proceduri gudizzjarji hija trattata b'mod ben specifiku fl-Artikolu 181B tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi: il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat filmaterja in kwistjoni … L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern. Minn din id-disposizzjoni huwa ferm evidenti li l-Prim Ministru ma huwiex indikat bhala li ghandu r-rapprezentanza gudizzjarja tal-Gvern fil-kuntest ta' proceduri gudizzjarji istitwiti fil-konfront tal-Gvern".*

Illi izda fuq kollox din is-sentenza tkompli tispjega li r-raguni wara tali disposizzjoni tal-ligi hija s-segwenti:- *"Ir-rilevanza ta' din id-disposizzjoni ma tistax u ma ghandhiex tigi sottovalutata, u dan billi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet Kenneth Brincat v. Avukat Generali et, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-10 ta' Jannar 2003, fejn a sua volta giet iccitata s-sentenza*

*Raymond Gauci v. Il-Pulizija et, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-27 ta' Gunju 2002, "ma hemm ebda dubju li l-iskop ta' l-emenda li saret f'dan l-artikolu imsemmi permezz ta' l-Att XXIV ta' l-1995 kienet intiza sabiex wiehed jiffacilita r-rikors lejn il-Qrati f'kull kawza inkluzi f'kazi ta' allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali, u dan anke sabiex jigu evitati tragitti interminabbli dwar il-kwistjonijiet ta' min huwa legittimu kontradittur f'kawza kostituzzjonali, li sfortunatament il-Qorti kienet inondata bihom qabel l-imsemmija emenda, li hafna drabi u wisq izjed minn desiderabbli, wasslu biex azzjoni kostituzzjonali giet terminata fuq punti ta' procedura, minghajr ma l-Qorti ezaminat il-bazi tal-problema kostituzzjonali mqajma…"*

Illi dawn il-principji jistghu jigu applikati ghall-kawzi bhal dik odjerna u cioe' proceduri taht l-**artikolu 469A tal-Kap 12.** Din il-Qorti thoss li minn qari tal-ligijiet in kwistjoni specjalment il-**Kap 437** u cioe' l-**Att dwar is-Servizzi Veterinarji** li r-responsabbita' dwar l-istess servizzi jirrisjedi sia fid-Direttur u sia fil-Ministru. Fil-fatt l-**artikolu 48 tal-Kap. 437** jipprovi li d-Direttur ghandu, *inter alia*, ikun il-konsulent ewlieni tal-Gvern dwar kull haga li ghandha x'taqsam mas-sahha pubblika ta' l-annimali jew dik veterinarja jew li jkollha x'taqsam, jew tkun konnessa mas-servizzi veterinarji tas-sahha u ghandu jirrapporta perjodikament lill-Ministru. Ma dan jinghad ukoll li l-Ministru bis-sahha tas-setgha moghtija bl-**artikolu 10 ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent** hareg ir-**Regolamenti ta' l-2004 dwar Problemi ta' Sahha li jolqtu il-Produzzjoni u t-Tqeghid fis-Suq ta' Laham ta' Tjur Frisk** liema regolamenti gew invokati meta l-attivita' tal-attur giet sospiza fis-sena 2004 (u cioe' wara li kienet infethet din il-kawza). Ghalhekk taht dan l-aspett u tenu kont ta' dawn id-disposizzjonijiet legali din it-tieni eccezzjoni tal-intimati se tigi michuda.

Illi fil-mertu jinghad li din hija azzjoni *ai termini* tal-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** sabiex din il-Qorti tiddikjara null, invalidu u minghajr effett l-ghemil amminisstrattiv tal-konvenuti u dan meta l-istess irtiraw u

rrevokaw lill-konvenut il-permessi biex jixtri l-flieles u l-permess biex irabbi t-tjur u bl-avviz datat 28 ta’ Lulju 2003. L-ewwelnett l-Qorti tosserva li dan l-avviz datat 28 ta’ Lulju 2003 ma kienx indirizzat direttament lill-attur; l-ittra b’din id-data (Dok. “X5” a fol 214 tal-process) hija ittra mid-Direttur Generali intimat lill-Primrose Poultry Products (entita’ terza) fejn l-istess Direttur qieghed javza lil Primrose Poultry li l-*‘authorisation form’* bin-nurmu 1253 mahruga fil-konfront ta’ l-attur kien gie irrevokat u b’hekk l-biegh tat-tjur lill-attur mill-Primrose ma kellux issir (Id-Direttur jghid f’din l-ittra li huwa kien gja avza lill-Primrose b’dan permezz ta’ fax mibghut f’24 ta’ Gunju 2003). In oltre, id-Direttur jinnota li *“Mr Falzon’s broilers are being slaughtered on an unlicensed slaughtering plant. As long as Mr. Falzon is going to continue slaughtering his broilers illegally, the Poultry Section cannot issue any ‘Authority to Purchase Chicks’ forms (Yellow Form)”.*

Illi l-kwistjoni bejn l-attur u l-intimati bdiet bosta snin qabel u il-Qorti tahseb li hemm bzonn li jigi analizzat l-iter tal-kwistjoni sabiex jigu dedotti certu konkluzjonijiet li jimpingu fuq id-decizjoni ahharija tal-Qorti. Il-Qorti tosserva li jirrizulta li l-attur ilu fin-negozju tat-trobbija u qtil tat-tigieg ossia *broilers,* ghal iktar minn sebgha u ghoxrin sena. Huwa kien jopera dan in-negozju minn Burgu Farm, bin-numru sitta u tletin (36) li jinsab fi Triq is-Sewwieqa, Hamrun. Permezz ta’ dan in-negozju huwa kien jixtri l-flieles minghand *il-hatchers,* irabbihom fil-farm, u imbaghad jipprocessahom fil-*poultry processing plant* li jinsab fl-istess indirizz.

Illi f'Jannar tas-sena 1995, kienu marru rapprezentanti mid-Dipartiment tas-Sanita' u qalu lill-attur li sabiex ikompli jopera huwa kellu japplika mal-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar *(Planning Authority),* illum MEPA, ghall-permessi mehtiega. Jirrizulta li l-attur kien applika u l-permessi nhargu fis-sena 1997 (Dok. “GF 1”). Fil-fatt il-permess kien inhareg suggett ghall-serje ta’ kundizzjonijiet inkluz li kellhom isiru xi xogholijiet u li l-permess kellu jigi rinnovat mid-Dipartiment tal-Agrikoltura u dan billi l-istess Dipartiment jiccertifika li l-provisjonijiet tal-**LN 93 tal-1995** jigu aderiti.

Illi fil-frattemp, sakemm hareg il-permess tal-Planning Authority, f'Ottubru tas-sena 1995, marru Ufficcjali mid-Dipartiment tas-Sanita' u Ufficcjali tal-Pulizija sabiex jispezzjonaw l-farm tal-attur. Huma talbu ghall-permess izda il-permess ma kienx ghadu hareg. Dawn l-Ufficcjali ghalqu l-farm fis-sens illi ssiggillaw sal-bibien tal-fridges b'tali mod li l-attur ma setax jidhol. L-attur jghid li l-Pulzija kienu wkoll haduh id-Depot u nzamm arrestat ghal madwar erba' sieghat.

Illi l-attur kien gie akkuzat il-Qorti b'diversi akkuzi fis-7 ta' Novembru 1995. Minhabba dawn l-akkuzi u l-azzjoni li kienu hadu l-Ufficjali huwa kien gie mwaqqaf milli jahdem ghal aktar minn sentejn, sakemm harget il-licenzja mit-*Trade Licensing Office* fis-sena 1997. L-attur isostni li kellu jarmi l-affarijiet li kienu gew konfiskati fit-3 ta' Ottubru 1995.

Illi l-attur jghid li fis-sena 1996, wara li kien hemm tibdil fil-Gvern huwa rega' beda jopera. Il-Ministru responsabbli mill-Biedja u Sajd, kien awtorizza lil persuni li jrabbu it-tigieg ghall-qatla, sabiex jergghu jibdew joperaw in-negozju taghhom minghajr il-htiega ta' licenzja.

Illi f'Dicembru tas-sena 2000, regghu marru fil-farm tal-attur Ufficjali tal-Pulizija tal-ALE u Ufficcjali mid-Dipartiment tas-Sanita', u talbuh il-permessi. L-Ufficjali tal-Pulizija kienu qeghdin isostnu li s-Sur Frans Farrugia mid-Dipartiment tal-Biedja u Sajd li qieghed fuq it-Taqsima tat Tjur, kien qal li l-attur ma kellux licenzja. Dwar dan l-attur jghid li xi zmien qabel kien ha l-licjenza lis-Sur Farrugia tah kopja personalment, wara li l-istess Farrugia kien qal li ma rcevihix mill-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun.

Illi l-attur kompla jopera wara dan l-incident izda bdew isiru spezzjonijiet minn veterinarji mibghuta mid-Dipartiment, u l-attur isostni li kien jaghti rendikont ta' dak kollu li kien ghaddej fil-farm, inkluz il-qatla.

Illi l-attur kien ircieva ittra minghand il-Ministeru tal-Biedja u Sajd datata 31 ta' Mejju 2002, li permezz taghha gie

mgharraf li kienet ser tinzamm laqgha ghal-processuri kollha, sabiex jispjegawlhom kif kellhom jimlew il-formoli mehtiega mid-Dipartiment. L-attur isostni li huwa gie mgharraf b'din il-laqgha biss avolja d-dipartiment kien zamm diversi laqghat ohra.

Illi f'Awwissu tas-sena 2002, l-attur ircieva ittra minghand id-Direttur intimat (Dok. "GF 5"), li permezz taghha gie mgharraf li ma setax ipoggi l-prodotti tieghu ghall-bejgh fuq is-suq. Ir-raguni li nghata kienet li mill-ispezzjonijiet li saru, ir-razzett tal-attur ma kienx konformi mal-Avviz Legali 93/95.

Illi minkejja din l-ittra, l-attur kompla jopera n-negozju. Sabiex ikun jista' jixtri l-flieles, jehtieg illi jkollu 'l-karta s-safra', li biha *l-hatcher* ikun awtorizzat ibiegh il-flieles. Minkejja li kienu baghtulu l-avviz id-Dipartiment xorta wahda harget din il-karta is-safra favur l-attur, u komplew ukoll jaccettaw il-karta r-roza li kien jimla bhala processur, u li fiha kien ikun hemm imnizzel il-pizijiet u l-irjus tal-qatla, li kienu ser jinbieghu.

Illi jidher ghalhekk illi nonostante l-avviz li inghata lill-attur fil-16 ta' Awissu 2002 (Dok. "GF 5" a fol 31), l-attur kompla jinghata l-permess sabiex l-*hatcheries* jghaddu tjur ghal ghandu. Il-Qorti tinnota li d-Direttur ma qalx li l-licenzja tar-razzett se tigi revokata izda li l-ufficcju tal-moviment tat-tjur mhux se jaghti awtorizazzjoni biex flieles mill-hatcheries jghaddu lill-attur jew produtturi li jrabbu ghalih.

Illi f'dan l-avviz (avolja ma gietx addodata mill-istess Dipartiment) inghad li kienu saru diversi spezzjonijiet fuq l-istabiliment u li l-attur kien inghata l-opportunita' jirrettifika n-nuqqasijiet. Fil-fatt ghandu jinghad li fit-2 ta' Jannar 2002(Dok. "GF 8" a fol 35) l-attur gie avzat li ghandu joqtol it-tjur tieghu f'wahda mill-bicceriji licenzjati biss u l-biccerija tieghu ma kienetx wahda minn dawk licenzjati.

Illi f'ittra ohra datata 19 ta' Frar 2003 mibghuta lill-attur mill-*Food and Veterinary Division* l-istess attur gie infurmat li huwa ghadu qieghed joqtol broilers fil-biccerija tieghu u mhux f'biccerija licenzjata u dan huwa att illegali.

Huwa gie imwissi li jekk ma joqtolx il-broilers f'wahda mill-bicceriji licenzjati d-Divizjoni ma tkunx tista' tohrog aktar karti sofor.
Illi mbaghad kien hemm l-ittra li l-Qorti gja' accennat ghaliha tal-28 ta' Lulju 2008 (Dok. "X5" a fol 214 tal-process) mid-Direttur Generali intimat lill-Primrose Poultry Products (entita' terza) fejn l-istess Direttur avza lil Primrose Poultry li l-*'authorisation form'* bin-nurmu 1253 (il-karta s-safar) mahruga fil-konfront ta' l-attur kien gie irrevokat u b'hekk il-bejgh tat-tjur lill-attur mill-Primrose ma kellux issir. Id-Direttur kien gja avza lill-Primrose b'dan permezz ta' *fax* mibghuta f'24 ta' Gunju 2003. Fil-*fax* id-Direttur kien accenna ghall-fatt li l-licenzja tal-attur ma kienetx imhallsa izda fl-ittra tal-28 ta' Lulju 2003 jghid li din kienet, fil-frattemp, giet imhallsa pero' l-attur ma kienx ghamel it-tigdid tal-karta s-safra. Id-Direttur jghid xorta wahda li huwa ma setax johrog il-karti sofor fil-konfront tal-attur peress li huwa qieghed juza *"an unlicensed slaughtering plant".*

Illi, din id-darba, minn din id-data (28 ta' Lulju 2003) 'il quddiem, jirrizulta li effettivament id-Dipartiment segwa l-avviz u ma harigx izjed karti sofor fil-konfront tal-attur. Irid jinghad ukoll li minkejja dan, il-licenzja fuq ir-razzett (*"farm")* per se baqghet tiggedded. Fix-xhieda tieghu tal-17 ta' Marzu 2008 Frans Farrugia jiccara li r-razzett kien licenzjat u dan baqa' llicenzjat sas-sena 2005. Kienet il-biccerija li ma kinetx licenzjata u approvata.

Illi f'Awwissu 2004, u cioe' wara li nfethet din il-kawza, id-Dipartiment gharraf lill-attur permezz ta' ittra (Dok. "GF 7") li kellu jissospendi kull attivita'. F'dan il-kuntest l-attur isostni li d-Dipartiment, qed jiddiskrimina kontrih, qed itelliflu s-sussidju li bhala processur u bidwi huwa ntitolat ghalih.

Illi skont it-Tabiba Veterinarja Ruth Camilleri (affidavit a fol 295 *et seq* tal-process), li tahdem bhala Ufficjal Veterinarju fit-Taqsima ghall-Affarijiet Veterinarji u Sajd fil-Ministeru tal-Affarjiet Rurali u l-Ambjent, hija ghamlet spezzjoni fuq il-fond tal-attur fil-25 ta' Gunju 2002 bhala parti mill-operat taghha. Hija osservat diversi nuqqasijiet li

hija tiddeskriviehom bhala ‘nuqqasijiet gravissimi u inaccettabbli’. Hija ssemmi nuqqas totali ta’ *filing system* bir-rizultat li hija ma kellha ebda mezz biex tikkontrolla l-operat tal-attur. Dr Camilleri ssemmi wkoll nuqqasijiet igenici gravi bhal fatt li kien hemm *toilets* b’saqaf tal-injam vicin fejn kienet issir il-qatla. *Inoltre*, vicin tal-kamra fejn kienu jinqatlu t-tigieg, kienu jinzammu speci differenti ta’ annimali. Dan in-nuqqas seta’, skont ix-xhud, ikollu effett fuq is-sahha tal-konsumatur. Hija tosserva li s-*‘slaughter line’* ma kinitx adegwata minhabba diversi difetti ta’ natura strutturali u anke kif kienu jitmexxew l-impjegati fuq dik il-linja. L-impjegati ma kinux libsin l-ilbies adattat li suppost kellhom jilbsu waqt ix-xoghol u lanqas *“changing rooms”* ghall-haddiema ma kien hemm. Hija osservat ukoll li t-tigieg kienu jinqatlu minghajr l-istordiment *(“stunning”)* li suppost ghandu isir qabel il-qatla proprja.

Illi skont Francis Farrugia (affidavit tieghu a fol 300 tal-process) li kien *Principal Veterinary Support Officer* mad-Divizjoni ghall-Affarijiet Veterinarji u Sajd huwa kkonferma li kien hareg permess mill-MEPA (PA 0503/95). Jghid ukoll li l-alterazzjonijiet approvati mill-MEPA ma kienux gew imwettqa mill-attur ghajr ghal xi zewg *toilets*. Ix-xhud jghid li huwa kien ghamel diversi spezzjonijiet flimkien ma’ Dr Ruth Camilleri sabiex jaraw jekk kienu qieghed isir it-titjib rikjest izda huwa jistqarr li avolja l-attur gie interpellat sabiex jaghmel il-modifikazzjonijiet mehtiega dawn baqghu qatt ma saru.

Illi xehed ukoll Dr Roberto Balbo (16 ta’ Ottubru 2007 a fol 306 tal-process) li kien gie Malta permezz tal-Protokoll Taljan bhala *Veterinary Surgeon* u kien ingaggat mill-Ministeru ta’ l-Agrikoltura bhala Veterinary Surgeon. Huwa jghid li kienet ghamel spezzjonijiet ghall-gharrieda fil-farm in kwistjoni. Dak iz-zmien l-attur kellu permess biex izomm it-tjur fuq ir-razzett pero’ kien talab permess sabiex ikun jista’ joqtol it-tjur fir-razzett jew *‘farm’.* Ix-xhud jghid li l-attur kien inghata diversi opportunijiet sabiex ikun jista’ jirregolarizza l-posizzjoni tieghu ghaliex l-attur kien fil-fatt qieghed joqtol it-tjur minghajr permess. Ix-xhud jghid ukoll li l-ahhar darba li mar ghand il-fond tal-attur it-tibdil ma kienx sodisfacenti sia minn naha strutturali (per ezempju

ma kienx hemm separazzjoni bejn *‘clean area’* u *‘dirty area’*) kemm minn naha igenika.

Illi x-xhud jghid li fiz-zmien meta huwa kien qieghed jaghmel l-ispezzjonijiet, ir-razzett in kwistjoni ma kellux *health mark* li huwa approval number. Dwar id-dokument a fol. 51 huwa jghid li dan mhux il-*health mark* li semma pero’ kienet marka li tohrog lil persuni li kienu joqtlu ghas-suq lokali. Dwar il-permess bin-numru MPSP 066 huwa jghid (fix-xhieda tieghu ta’ nhar it-13 ta’ Frar 2009) li *“this is not a permit but a reference number which was given in case this to Mr Falzon but similar number were given to all Maltese Poultry processors. This is a reference number that has remained valid for all processors. In fact today those who have complied with the law have retained the same reference number which has become their approval number which is the number that is unique and on a monthly basis is transmitted to the EU Commission and it is a number that allows these producers to place their products on the market. This is a technicality, which means that their products can be freely circulated within the EU”.*

Illi din il-Qorti tosserva li l-argument tal-attur huwa li l-farm tieghu kien dejjem licenzjat regolarment. Dan mhux ikkontestat ghaliex jirrizulta mid-dokumenti li l-licenzja baqghet tiggedded. Huwa jsostni li kellu permess biex jopera bhala biccerija mentri l-intimati jghidu li huwa qatt ma kellu din il-licenzja.

Illi din l-Qorti tosserva li d-Dipartment ta lill-attur numru ta’ registrazzjoni u dan sabiex ikun jista’ jikkwalifika bhala biccerija. Issa jekk jigi approvat dan in-numru jibqa’ l-istess. Il-Qorti tittama li din is-sistema inbidlet ghaliex taghti lok ghall-abbuz da parti ta` min mhux approvat. Huwa car ghall-Qorti li l-attur qatt ma kellu din l-approvazzjoni u din hija kwisjtoni centrali tal-vertenza odjerna. L-attur qatt ma kien strutturalment ippreparat sabiex joqtol it-tjur. Il-fatt li huwa kellu numru ta’ registrazzjoni ma jfissirx li kien hemm l-approvazzjoni u li l-attur seta’ jopera.

Issa, huwa minnu li huwa kellu licenzja ghall-*broiler* u din baqghet tiggedded pero' d-Direttur intimat ghazel li ma jirrevokax il-licenzja per se izda li ma johrogx karti sofor fil-konfront tal-attur peress li l-biccerija tieghu, u li kien qieghed juza, ma kinitx approvata. Mid-dokumenti esibiti mill-attur stess huwa car li kwalunkwe hrug ta' licenzja jew permess kien soggett ghall-approvazzjoni mid-dipartimenti koncernati. Id-Direttur tad-Divizjoni ghall-Affarijiet Veterinarji u Sajd fi hdan il-Ministeru ghall-Agrikoltura ghandu l-poter jaghmel spezzjonijiet, japprova, jirtira, jew igedded licenzji u dana taht l-**Kap 437 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.**

Illi rrizulta li l-attur kien inghata diversi twissijijet jew *warnings*, kienu saru diversi spezzjonijiet, kif deskritt hawn fuq, u *inoltre* jirrizulta li l-attur inghata l-opportunita` sabiex huwa jirretifika l-posizzjoni tieghu izda t-titjib rikjest ma sarx. Id-Direttur kellu diversi rapporti u ndikazzjonijiet certi li dan ir-razzett ma kienx konformi mal-ligijiet vigenti u ddecieda li ma jirrilaxxax il-karta s-safra lill-attur kif kellu l-poter jaghmel.

Illi jrid jinghad li apparti mill-avvenimenti bejn is-sena 2002 u 2003 (f'dawn is-snin: kienu saru l-ispezzjonijiet da parti tad-Direttur intimat; kienu inhargu varji avvizi fil-konfront tal-attur; l-attur kien inghata *warnings*; l-attur qatt ma adegwa ruhu b'mod shih ma` dawn l-avvizi) jirrizulta mill-process li wara l-ftuh ta' din l-kawza l-attur gie avzat nhar it-23 ta' Awwissu 2004 li l-biccerija tieghu ma kinitx approvata skont ir-**Regolamenti tal-2004 dwar Problemi ta' Sahha li jolqtu il-Produzzjoni u t-tqeghid fis-Suq ta' Laham ta' Tjur Frisk.** Dan issahhah il-fehma ta' din il-Qorti li l-biccerija tal-attur qatt ma kienet konformi mar-regolamenti vigenti u minkejja li inghata diversi *warnings* huwa qatt ma ghamel xejn biex jigi in regola u anzi uza l-fatt li kellu numru ta' registrazzjoni sabiex jghid li huwa kellu licenzja approvata, li ma kienx il-kaz.

Illi minn dan kollu din il-Qorti thoss li ma giex ippruvat li f'dan il-kaz il-principji ta' gustizzja naturali ma gewx osservati fil-konfront tal-attur, u dan ghaliex huwa kien jaf bil-kundizzjonijiet li hargu l-licenzji u permessi relattivi;

kien jaf bl-ispezzjonijiet li saru; kien jaf bin-nuqqasijiet li kellu u baqa' ma ghamel xejn biex jirrettifika l-istess nuqqasijiet meta huwa kellu l-opportunita' li jaghmel dan.

Illi hawn il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenzi **"Ivan Portelli vs Prim Ministru et", "Michael Buttigieg vs Prim Ministru et"' "David Gatt vs Prim Ministru et"** (P.A. (JA) – 27 ta' April 2009) u **"Paul Cassar vs Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta"** (P.A. (RCP) – 20 ta' Ottubru 2009) fejn inghad li s-smigh xieraq jinkludi l-principju ta' *audi alteram partem "fis-sens li wiehed ma jistax jimmagina s-smigh xieraq minghajr l-opportunita' li xi parti ma ssemmax lehinha fil-proceduri relttivi. Dan huwa wiehed mill-principji bazilari tal-gustizzja naturali u l-Qorti m' taqbilx li dan il-principju mhux ta' applikabilita' assoluta kif deherilhom il-konvenuti. The principle that no one should be condemned or deprived of his rights without being heard, and above all without having received notice that his rights would be put to stake is of a universal equity. Nothing less would be necessary than an express declaration of the legistlature to put aside this requirement, which applies to all courts and to all bodies called upon to render a decicion that might have the effect of annulling a right possessed by an individual* (***L'Alliance des Professuers Catholiques de Montreal vs Labour Relations Board of Quebec*** *– 1953 riportat fil-manwal* ***The Application of the European Convention Human Rights – J.E.S. Fawcett*** *– pagna 148").*

Illi fis-sentenza **"Paul Borg vs l-Awtorita' Dwar it-Transport Pubbliku"** (P.A. (JRM) – 21 ta' Mejju 2009) inghad li *"bilkemm ghandu jinghad li l-htiega li t-tribunali jew awtoritajiet amministrattivi jharsu b'mod skrupluz it-thaddin ta' dawn il-principji hija wahda li m'ghandux ikun hemm disposizzjoni espressa tal-ligi biex wiehed japplikaha. It-tharis ta' dawn il-principji fit-tmexxija tal-amministrazzjoni pubblika ghandu jkun il-kejl minimu li jiggarantixxi t-trasparenza u s-siwi tal-ghemil amministrattiv. Ghall-kuntrarju, in-nuqqas ta' tharis ta' dawn il-principji jwassal ghall-irritwalita' tal-ghemejjel hekk imwettqa u ghat-thassir taghhom"* (**"Joseph Debono vs Phoenicia Systems Ltd"** – A.I.C. – 19 ta' Mejju 2004).

Illi ghalhekk hemm il-htiega li persuna jkollha pre-avviz tal-proceduri li jkunu ser isiru kontra taghha, nkluz l-akkuzi dwar l-istess u konsegwenzi li johorgu konsegwenza ta' l-istess tant li *f'**Evans De Smith's Judicial Review Administrative Action*** (4th Edit. – pag. 196) jinghad li:- *"Natural Justice generally requires that the persons liable to be directly affected by the proposed administrative acts, decisions or proceedings be given adequate notice of what is proposed, so that they might be in a position: (a) to make representations on their own behalf; or (b) to appear at a hearing or inquiry (if one is to be held); and (c) effectively to prepare their own case and to answer the case (if any) they have to meet….In a large majority of the reported cases where breach of the audi alteram partem rule has been alleged, no notice whatsoever of the action taken or proposed to be taken was given to the person claiming to be aggrieved, and failure to give him proper notice was tantamount to denial of an opportunity to be heard on that matter".* **("Dr. Joseph Cachia Fearne vs Segretarju Permanenti et"** – P.A. (TM) – 20 ta' Ottubru 2005); **"Austin Gonzi vs Malta Drydocks Corporation et"** – P.A. (PS) –27 ta' Ottubru 2004.

Illi dak li sehh f'dan il-kaz, sehh skont il-ligi, giet segwita l-procedura rikjesta, u ma jidhirx li gew miksura xi dettami legali. Kif inghad, il-Qorti tosserva li tista' tkun hemm iktar ko-operazzjoni u komunikazzjoni bejn id-diversi entitajiet tal-gvern u anke bejn l-istess dipartiment izda f'dan il-kaz l-intimat Direttur kellu dmir u seta` jagixxi bil-mod li agixxa fil-kontront tal-attur u, ghall-fini ta' dawn il-proceduri, ma jirrizultax u ma saritx prova ta' xi nuqqas ta' osservanza tal-principji tal-gustizzja naturali da parti tad-Direttur intimat.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni izda tilqa' it-tielet eccezzjoni tal-intimati, **tichad it-talbiet attrici** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn moghtija.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------